MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 574/2002/1

**Avv. Robert Vella Baldacchino**

**Vs**

**Emanuel Mifsud**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut fejn talab sabiex il-konvenut jigi ddikjarat prevja dikjarazzjoni li l-konvenut huwa unikament responsabbli, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tieghu ghad-danni kagunati mill-konvenut lill-attur fl-incident stradali li sehh f'Hal Qormi, fi Triq Manuel Dimech, fid-19 ta' Mejju 2001 ghall-habta ta' l-10.00a.m., meta l-attur kien isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBB 046, u l-konvenut kien isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAI 078, jikkundanna lill-istess konvenut ghall-hlas ta' l-istess danni kagunati fl-ammont ta' Lm51.75,0 fl-incident stradali "de

quo” kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawa, oltre l-imghaxijiet relattivi bl-oghola rata permessa fil-ligi mid-data tal-prezentata ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Awisu 2001, ezebita mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala “Dok RVB1” sal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz tat-talba, ta’ l-istess ittra ufficjali tat-13 ta’ Awissu 2001, ta’ l-ittra legali ta’ l-20 ta’ Gunju 2001 ezebita mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala “Dok RVB2” u ta’ l-ittra ufficjali prezentata fid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba, kontra l-kumpanija ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut Citadel Insurance p.l.c. kif jirrikjedi Kap. 104 tal-Ligijiet ta‘ Malta, li kopja legali taghha  hija ukoll ezebita mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala “Dok RVB3”.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-ammont tad-danni mitlub huwa eccessiv stante illi d-danni ikkagunati kienu minimi u certament ma jammontawx ghall-ammont pretiz.

Illi ghalhekk filwaqt illi r-responsabilta  qed tigi ammessa, l-ammont tad-danni qed jigu kontestati.

Illi inoltre l-konvenut kien offra illi ihallas u jirranga l-hsarat izda l-attur qabad u mar isewwi minghajr ma avza lill-konvenut imbaghad ipprenzentalu kont.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra

Illi jibda biex jinghad li l-meritu ta’ din il-kawza seta’ facilment jigi sodisfatt minghajr ma’ l-partijiet jirrikorru lejn dan it-Tribunal.

Ir-responsabbilta' tal-kollizzjoni mhux kontestata mill-konvenut.  Li huwa kontestat huwa l-entita tad-dannu li r-rikjest finanzjarju sabiex jaghmel fronti ghall-istess b’kollox jammonta ghal wiehed u hamsin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75).

It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax li l-attur ha l-passi soliti kollha biex forsi jithallas mill-konvenut minghajr in-necessita ta' dawn il-proceduri. Risposta mill-konvenut - xejn pero' ghoghbu jikkontesta prezenzjalment.

Huwa konfermat mill-attur, iz-zewg Pulizija u s-surveyor li l-konvenut ghamel dik il-hsara reklamata mill-attur. Mhux hekk biss, izda peress li kien mghaggel, qabad u telaq minn fuq il-post tal-kollizzjoni.

L-attur ipprova mill-lat tekniku li l-hsara li kellu kienet tinvolvi spiza ta' erbghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm40.25) (incl. VAT), spejjes tas-surveyor – hdax il-Lira u hamsin centezmu (Lm11.50) (incl. VAT). Il-konvenut ma gab l-ebda prova in sostenn tat-tezi tieghu u jew biex jikkumbatti dik attrici.

It-Tribunal jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u stante li r-responsabbilta' giet assunta mill-konvenut; jillikwida d-danni fl-ammont ta' wiehed u hamsin Lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) sofferti mill-attur, bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------